# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2313

Każ Nru 3165/FM

Fil-Kwisjoni tax-Xogħol

bejn

Francesco Farrugia

u

Arriva Malta Limited u b'Digriet tal-5 ta' Marzu 2014, dan għandu jiġi sostitwit għal Malta Public Transport Service(Operations) Ltd

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Illum : 15 ta' Ottubru 2014

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-Każ ġie intavolat fit-30 ta' Settembru 2013, mill-Avv. Maria Cardona f'isem Francesco Farrugia fejn dan allega li kellu l-impieg tiegħu terminat wara li naqas li jimla applikazzjoni mibgħuta lilu li kienet tagħtih post alternattiv minn dak li kellu u dan kien jammonta għal *demotion*. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Christine Camilleri, assistita mill-Avv Karl Briffa innegat dan.

Inżammu tnax-il seduta. A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba in-numru ta' xhieda u seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent kien ġie inizjalment impjegat bħala *Interchange Operative* fi Frar tal-2011. Fl-24 ta' Ottubru 2012 kien ġie infurmat li minħabba *business restructure* il-post oriġinali tiegħu ma kienx għadu disponibbli u huwa ġie appuntat *Revenue Protection Inspector* bl-istess salarju li kellu u b'żieda ta' *commission* skond l-infrazzjonijiet li jaqbad u li jitħallsu mill-vjaġġaturi. Sussegwentement huwa ġie akkużat li fis-7 ta' Mejju tal-2013 huwa kien naqas li jiċċekkja biljetti tal-passiġġieri u qagħad fil-*bus* f'post quddiem li ma kienx permess li jokkupa bi ksur tar-Regolamenti. Dana kien jikkostitwixxi *gross misconduct* li kien jimmerita tkeċċija. Huwa ġie offrut post alternattiv, dak ta' sewwieq. Wara ġie mgħoddi proċedura dixxiplinarja u offrut post ieħor peress li kien irriżulta li ma kellux liċenża tas-sewqan. Finalment huwa ġie offrut il-post ta' *Reversing Marshall*. Wara ż-żmien mogħti lilu biex jaċċetta l-post il-ġdid huwa naqas li jinforma lis-Soċjetà Intimata bl-aċċettazzjoni tal-post il-ġdid u għaldaqstant ġie infurmat li l-impieg tiegħu skada b'effett mit-30 ta' Mejju 2014. Is-Soċjetà Intimata tgħid li t-Rikorrent ma tax tweġiba għall-offerta ta' post ta' *Reversing Marshall* u naqas li jattendi għax-xogħol. Għadaqstant tgħid li ma ġiex imkeċċi iżda abbanduna l-post tax-xogħol u għalhekk kienet qed tikkonsidra li l-impieg tiegħu kien terminat.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Bażikament it-Tribunal kellu quddiemu kwistjoni jekk ir-Rikorrent tkeċċiex jew abbandunax xogħolu. Naturalment it-Tribunal kellu l-obbligu li jara bir-reqqa x'wassal għal din is-sitwazzjoni li finalment irriżultat fit-terminazzjoni tal-impieg tar-Rikorrent. Huwa fatt, u dan ġie ampjament ippruvat, li r-Rikorrent kien ħati ta'nuqqas serju meta naqas li jiċċekkja l-biljetti tal-passiġġieri u b'mod iktar serju bi ksur tar-regolamenti ta' saħħa u sigurtà meta qagħad f'post li huwa projbit li joqgħod fih. Ir-raġuni li jagħti r-Rikorrent dwar in-nuqqas ta' iċċekkjar tal-biljetti mhix kredibbli. Huwa jgħid li minħabba l-iffullar ma kienx possibbli li jsir l-iċċekkjar waqt li jirriżulta li sieħbu, kif kienet il-prassi, beda jiċċekkja minn wara waqt li hu suppost iċċekkja minn quddiem bir-riżultat li bejniethom kienu jiċċekkjaw il-passiġieri kollha. Li tagħżel li ma taffaċċjax *bus* iffullata biex taqdi dak li hu dmirek tidher li ma hi xejn ħlief skuża. L-akkuża l-oħra li r-Rikorrent qagħad f'post fejn kien projbit minħabba perikolu hija iktar serja. Anke hawn it-Tribunal ma huwa xejn konvint mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mir-Rikorrent.  It-Tribunal qed jidħol f'dan kollu biex jara kif oriġinat is-sitwazjoni li rriżultat fit-temm tal-impieg tar-Rikorrent. Dana kollu kien suġġett ta' proċedura deixxiplinarja li ma tirriżultax li saret b'mod ħażin u ma ġiex allegat li l-proċess kien b'xi mod vizzjat. Għadaqstant it-Tribunal irid jara jekk l-offerta ta' post alternattiv b'xi mod illedietx id-drtittijiet tar-Rikorrent.

Jirriżulta b'mod ċar li l-infrazzjonijiet tar-Rikorrent, speċjalment dik bi ksur tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà jikkostitwixxu raġuni valida għat-tkeċċija tiegħu. Is-Soċjetà Intimata deherilha li għandha tagħtih *demotion* pjuttost milli tkeċċih. Għalhekk offritlu post alternattiv li allegatament, u dan ma ħariġx ċar waqt is-smiegħ tal-każ, kien jinvolvi xi nuqqas fis-salarju. Iżda dan, anke jekk seħħ,  huwa konformi mas-sanzjoni ta' *demotion*. U *demotion* ingħatat flok il-kastig iktar iebes ta' tkeċċija u hija fuq kollox kontemplata fir-regolamenti tad-dixxiplina. Finalment ir-Rikorrent naqas għal raġunijiet tiegħu li jaċċetta l-kastig inqas ta' *demotion* u prattikament abbanduna l-post offrut lilu li fil-fatt qatt ma aċċetta.  It-Tribunal irid jagħmilha ċar li fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri r-Rikorrent ma rrikorra għal teżi ta' *constructive dismissal*. Kieku kien hekk it-Tribunal kien jindirizza l-każ minn ottika differenti.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi  li dan kien każ  ta' nuqqas ta' aċċettazjoni ta' impieg da parti tar-Rikorrent Francesco Farrugia u ċertament mhux ta' tkeċċija tiegħu minn mas-Soċjetà Intimata Arriva Malta Limited, aktar tard sostitwita b'Malta Public Transport Services (Operations) Ltd.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviz Legali Nru 48  tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drtittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja